Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 24/17

**AVVIŻI**

**11 ta' Ġunju 2017**

Nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju niċċelebraw il-Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova b'quddiesa fis-7pm. Wara l-quddiesa jitbierek u jitqassam il-ħobż. It-tfal tal-katekiżmu dakinhar jieħdu sehem fil-quddiesa.

Nhar is-Sibt 17 ta' Ġunju sa ssir Festa Familja fuq iz-zuntier. Ikun hawn ikel u xorb, *band.* li ddoqq mużika live, wirja tal-karozzi u aktar. Kulħadd mistieden.

Nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju sa ssir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Fid-9.30am jitlaq il-korteo mill-MUSEUM, isir il-ħruġ tal-vara titulari min-niċċa tagħha u fl-10am tibda l-Quddiesa.
Filgħaxija, wara l-quddiesa tas-7pm, toħroġ purċissjoni devozzjonali li tgħaddi minn Triq Burmarrad, San Pawl Milqi, P. Wistin Magro, Magħsar u lura lejn il-Knisja. Xieraq li dawk li joqgħodu f'dawn it-toroq iżejjnu u jixgħelu l-faċċata tad-dar.

Dawk li jixtiequ joffru bukkett fjuri biex tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-Festa għandhom iħallu isimihom fis-sagristija mill-aktar fis. Kull bukkett jiswa' €35.

Il-morda li jixtiequ jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda fil-jiem tal-Festa għandhom jikkuntattjaw lill-kappillan sa nhar il-Ħadd li ġej.